**20 ta' Mejju, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Neville Aquilina)

*versus*

Vincent Petroni

**Inġurja – Ksur ta' l-Ordni Pubbliku**

*Għar-reat ta' inġurja kkontemplat fl-inċiż (1) ta' l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li min ilissen il-kliem inġurjuż ikollu l-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd.*

*Għall-fini tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku mhux biżżejjed il-livell u l-għajat li jiddisturba liċ-ċittadin fl-okkupazzjoni ordinarja tiegħu. Jeħtieġ li jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-pubbliku.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat Vincent Petroni akkużat talli f'Bay Street, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, nhar is-sitta ta' Settembru, 1992, fil-għodu għall-ħabta ta' l-għaxar u nofs;

1. Bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' l-Onorevoli Prim Ministru Eddie Fenech Adami, jew ta' xi ħaddieħor, weġġgħu bil-kliem jew b'xi mod ieħor;

2. Għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġiba xierqa jew id-deċenza pubblika;

3. Kiser volontarjament l-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-25 ta' Settembru 1992 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet testwalment hekk:

"Għalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli 338(dd) u 252(1) tal-Kap. 9 issib illi l-imputazzjonijiet kontra l-imputat jirriżultaw ippruvati b'dan illi l-ewwel imputazzjoni li taqa' taħt l-artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tikkomprendi t-tieni imputazzjoni u għalhekk

issib lill-imputat ħati ta' l-istess;

Dwar il-piena tiddeċidi billi tikkundanna lill-imputat fuq l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet is-somma ta' ħamsin lira Maltija (Lm50) multa u fuq it-tielet imputazzjoni tikkundannah *R&A";*

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella minn dik is-sentenza, li tagħha talab ir-revoka;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. L-aggravji ta' l-appellant huma li l-kelma li qal l-appellant ma kinitx inġurjuża; li r-reat dedott huwa taħt l-artikolu 252(2) tal-Kapitolu 9, u aktar *se mai* kellu jipprevali l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9; li l-kwerela li kienet meħtieġa ma ġietx ippruvata; li l-paċi pubblika ma nkisritx; u li l-piena applikat hija gravuża;

2. Bħala fatti rriżulta li fid-data, ħin u lok fuq imsemmijin, l-appellant kien qiegħed jieħu parti f'*carcade,* isuq karozza. Appena wasal quddiem id-dar ta' l-Onorevoli Dottor Fenech Adami, fil-waqt li baqa' jsuq, l-appellant ħareġ rasu mit-tieqa tal-karozza u ħares lejn id-dar imsemmija, u għajjat: "Oħroġ ja kornut!" M'hemmx dubju li l-appellant b'dak il-kliem kien jindirizza lill-Prim Ministru;

3. Il-kelma użata mill-appellant hija indubjament inġurjuża fil-konfront tal-persuna mgħajra daqskemm fil-konfront tal-konsorti tagħha;

4. Ir-reat dedott huwa taħt l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9,

li fl-inċiż (1) tiegħu jikkontempla r-reat ta' min "bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bil-kliem....." Mill-kontest tal-provi jirriżulta li l-appellant, fil-waqt li lissen il-kliem fuq imsemmi, kellu proprju dak il-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Dottor Fenech Adami. L-artikolu 339(1)(e) msemmi fl-aggravju ta' l-appellant jikkontempla l-kontravvenzjoni ta' min "jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi.....". Dan l-aħħar artikolu mhux applikabbli f'dan il-każ proprju għaliex, kif intqal hawn fuq, irriżulta li l-appellant għamel l-inġurja msemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, preċiżament dik ikkontemplata fl-artikolu 252(1) ta' dak il-Kodiċi;

5. Għall-fini tal-kommissjoni tar-reat tal-ksur ta' l-ordni pubbliku, mhux biżżejjed l-irvell u l-għajat li jiddisturbaw liċ-ċittadin *fl-okkupazzjoni ordinarja tiegħu. Jeħtieġ li jkun hemm* apprensjoni jew allarm fil-pubbliku (Kollez. Vol. XXXVIII.IV.802). Fil-każ odjern dawn l-apprensjoni jew allarm irriżultaw. Di fatti għad-diskors imsemmi ta' l-appellant kien hemm reazzjoni da parti ta' numru ta' persuni li riedu jieħdu sodisfazzjoni għal dak il-kliem;

6. Kwantu għall-aggravju rigward l-assenza tal-kwerela, jekk l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u l-anqas ma jkunx irrinunzja għaliha espressament fi żmien erbat ijiem mid-data tar-reat, anki jekk l-offiż ma jkunx jaf bl-offiża, il-Pulizija tista' tmexxi "*ex officio*". (art. 373 Kap. 9 – Kollez. Vol. XLI.IV.1314);

7. Ma jidhirx li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti għandha tiġi varjata;

Għalhekk tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata.